Court of Criminal Appeal

Hon. Mrs. Justice Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appeal Nr: 156/2018

The Police

Vs

Gervais Cishahayo

Today the, 14th February 2019

The Court,

Having seen the charges brought against Gervais Cishahayo holder of ID Card number 218199M, before the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature of having:

For the month of July 2017, in the Maltese Islands:

1) Failed to give Melissa Joan Bagely, the sum of 600 euro monthly, fixed by the Court or as laid down in the contract as maintenance for his child(ren) and/or wife, within fifteen days from the day which according to such order or contract, such sum should have been paid.

Having seen the judgment meted by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature proffered on the 26th March, 2018 whereby the Court:

After having seen Article 338(z) of Chapter 9 of the Laws of Malta;

After having heard the evidence and the documents exhibited;

The Court found the said accused guilty and sentenced him to two weeks detention.

Having seen the acts of the proceedings;

Having seen the updated conduct sheet of the appealed, presented by the prosecution as requested by this Court.

Rat l-aggravji tal-appellant Gervais Cishahayo li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe`:

a) ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellanti ghandu kondotta netta.

b) Illi l-appellanti kien ilu ghal diversi snin jahdem Malta u ilu ammont ta' xhur ifittex xoghol iehor.

c) Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li l-appellanti bhalissa m'ghandu ebda dhul li minnu jista' jhallas l-ammont ta' manteniment mistenni minnu;

d) Ma nghatatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li fil-mument li l-appellanti jinghata piena karcerarja naturalment ser tkun impossibbli ghalih li jhallas il-manteniment u wisq aktar li jsib xoghol biex ikun jista' jhallas manteniment.

e) Iktar ma jittawwal iz-zmien li l-appellanti jinzamm il-habs, iktar tonqos il-possibbilita` li hu jsib xoghol u li b'hekk jerga' jkun f'pozizzjoni li jerga' jibda jhallas il-manteniment mistenni minnu.

f) Illi l-appellanti ghamel diversi snin jahdem f'Malta:

- Bighi Trade School, (1997)
- Maria Goretti, Tarxien Girls Secondary School, (1997-1998)
- Guze D'Amato Boys Secondary School (1998-1999)
- Giovanni Curmi Higher Secondary School, (2000-2001)
- Nautical School – Late MCAST Maritime Institute, (2000-2001)
- University of Malta Junior College, (1999-2000)
- MCAST (various) Institutes, (2001-2007)
- St Aloysius Jesuits College, B'Kara, (2008-2009);
- Don Bosco Salesian School, Sliema, (2010-2011);

g) Illi sahansitra kien mar lura f'pajjizu, Burundi, ifittex xoghol izda minhabba l-problemi kbar li hemm hu kellu jirritorna lura Malta fejn sal-lum ghadu qed ifittex xoghol.

10. L-Artiklu 338(z) jispjega bic-car fejn tidhol il-htija tar-rikorrenti u dwar dan ma hemm ebda punti li dwarhom jista' jilmenta. Infatti l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri" [18.9.2002] meta ccitat b'approvazzjoni sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta (Appell Kriminal Pulizija vs. Anthony Saliba; [15.7.1998] spjegat bic-car "*…il-fatt li persuna tisfa bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat tan-natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-*

*rimedju li għandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utili lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jħallas inqas jekk ikun il-każ, Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-ħlas skont l-ewwel digriet. Fi kliem ieħor sakemm ikun għadu viġenti digriet tas-Sekond'Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-ħlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax ħlief issib u tikkonferma ħtija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruħu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raġuni, jew pretest biex jagħmel dan. Altrimenti, din il-Qorti minn flok Qorti ta' Appell Kriminali tispicca tirriduċi ruħha f'waħda ta' reviżjoni dwar l-effikaċja u r-raġjonevolezza ta' Digriet jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digriet tas-Sekond'Awla, mansjoni li żgur li ma taqax taħt il-kompetenza tagħha".*

11. Izda fid-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali presedut mill-Onor. Imħallef J. Galea Debono fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2006 fl-Appell Kriminali numru 84/2006 Il-Pulizija vs. Joseph Micallef saret referenza b'approvazzjoni għall-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Publius Said" [25.9.2003], "*l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom biex effettivament iħallsu w mhux biss li jippunixxi għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, għandhom dejjem jiġu obduti w osservati skrupolożament. F'dan il-każ dan il-għan issa ntlaħaq bil-ħlas fuq imsemmi*".

12. L-impożizzjoni ta' detenzjoni hija, f'każijiet bħal dawn, u dejjem bir-rispett, odjuża jekk ma tassalx finalment għall-ħlas ta' manteniment kif dovut skont il-

kuntratti jew digriet in kwistjoni. Il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti wehlet l-appellant gimghatejn detenzjoni qieghed effettivament izid fuq it-tbatijiet li qeghdha ssofri Melissa Joan Bagley stante li l-appellanti mill-habs zgur li ma jkunx jista' jaqta l-manteniment mertu tal-kawza odjerna.

13. Jizdied jinghad ulterjorment illi hija verita fattwali u assoluta li jekk ir-rikorrenti jinghata sentenza ta' detenzjoni fuq l-akkuzi mertu ta' dan l-appell ma jkunx qed jintlahaq l-iskop tal-legizlazzjoni – anzi propju bil-kontra.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi migjuba u jirriserva li jgib kull prova ohra permessa mil-ligi, jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tvarja s-sentenza tal-Ewwel Onor. Qorti ghal dik li hija l-piena inflitta u dana billi taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi.

Semghet il-provi imresqa mill-prosekuzzjoni u cioe lil **Joan Bagely** tikkonferma bil-gurament taghha fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2018 li l-appellanti huwa missier iz-zewg it-tfal minuri taghha u ligie kkundannat ihallasha manteniment ghalihom fis-somma ta' ghandu itiha i-somma ta sitt mitt euro ( €600) fix-xahar. Illi ija kkonermat li ma kienx hallasha is-somma ta sitt mitt euro (€600) dovuti ghax xahar ta; Settembru 2017 u kien ghalhekk li hij approcediet l-ghassa tal-pulizija ta B'Bugia biex nipprezenta rapport f'dawn ir-rigward.

Rat ll-affidavit ta' **PS 1433 J Saliba** przentat fl-atti fejn kkonferma li Joan Bagley kienet marret l-ghassa tal- pulizja tal- b'Bugia nhar is-6 ta' Novembru, 2017 u

rraportat li l-appellant ma kienx taha l manteniment dovut lill-uliedha minuri u ghalhekk kellu ighatiha s-somma ta 'sitt mitt euro ( €600 ghax xahar ta Settembru 2017. Illi stqaret ukoll Ii l-manteniment hu dovut skond digriet tal Qorti tal Familja datat 30 ta' April 2013. Huwa kkomunika ma l-apellant pero dan ma riedx jghati I versjoni tieghu.

Semghet lill-appellant **Gervais Cishahayo** jghid li huwa minnu li huwa ma hallasx il manteniment dovut lil Joan Bagley fl-ammont ta' sitt mitt euro (600) pero' qal li ghamel hekk ghaliex spicca bla impieg u ma kellux min fejn ihallasha . Qal ukoll li ghamel zmien il-habs jiskonta sentenza simili fuq nuqqas ta' manteniment u ghalhekk ma kienx f'posizjoni li jonora id-digriet tal-Qorti.

Rat ili fis-seduta tas-27 ta' Novembru dehret Dr. Louis Anne Pulis u ddikjarat li l-appellant hallas is-somma ta' tlett mitt euro (€300) bhala parti mis-somma dovuta lil Joan Bagley u ddikjarat li l-appellant kien ghad fadallu ihallas il-bilanc fl-ammont ta' tlett mitt euro (€300).

Ili fis-seduta tal-15 ta Dicembru deher l-appellant u iddikajra li kien hallas l-bilanc fl-ammont ta' tlett mitt euro (€300) u li ghalhekk ma kienx ghad fadal bilanc fir-rigwad ta' din l-istess kawza.

Semghet lil Joan Bagley tikkonferma li verament irceviet dak dovut lilha fir-rigward ta' din il-kawza u ddikajrat li ma kellha l-ebda pretensjoni ohra fir-rigwad ta' din l-istess kawza stante li thallset ghas-saldu.

Illi ghalhekk din il-Qorti in vista tal-fatt li l-appellant hallas ghas-saldu dak dovut minnu, tiddisponi minn dan l-appell billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li biha

l-appellant kien misjub hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti li biha kien ikkundannat ghall-terminu ta' gimghatejn detenzjoni  u minflok tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA
Franklin Calleja
Deputat Registratur